**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 564/2020 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Attard)**

**-Vs-**

**Maximilian Thomas Gafa'**

**Illum, 1 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **MAXIMILIAN THOMAS GAFA'** ta' 30 sena, iben Carmelo u Vicoria xebba Pace, mwieled ir-Romania nhar il-hdax [11] ta' Dicembru elf disa' mija u disghin [1990], residenti gewwa l-fond 63, golden Ancheo, Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk u detentur tal-karta ta' l-identita numru 581890M li tressaq quddiemha akkużat talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2020 għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18 :00hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20 :00hrs) ġewwa Triq Carini, Santa Venera u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta'haddiehor f'persiklu car, ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Bartolo hekk kif iccerifikat Dr. Pierre Farrugia mill-isptar Mater Dei, liema offizia saret fuq persuna li ghalqet is-sittin sena.
2. Ghamel lil Carmelo Bartolo ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminai, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni
3. B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan fil-Kodici Kriminali, ksirt volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Carmelo Bartolo ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat illi Carmelo Bartolo ġie ammess bħala l-parti offiża f'dawn il-proċeduri għall-finijiet tal-Artiklu 410(3) tal-Kap. 9, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tad-29 ta' Novembru 2021 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 214; 215; 216; 217; 218(1)(b); 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 382A; 383; 384; 385; 412C; 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17; 31; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputata fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti trid tibda billi teżamina l-provi u tagħmel apprezzament tat-testimonjanza tax-xiehda li xehdu quddiemha sabiex tistabbilixxi l-fatti li huma ppruvati fil-grad li teħtieġ il-liġi u b'hekk tiddeċiedi jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tilħaq il-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, ċioe' l-prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

**Carmelo Bartolo**, il-parti offiża, xehed fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 fejn filwaqt li għażel li jixhed minkejja li ġie mgħarraf li sejrin jittieħdu mill-Pulizija proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu dwar l-istess inċident li jifforma l-mertu tal-proċeduri odjerni, spjega illi fid-29 ta' Jannar bejn is-7.00 p.m. u t-8.00 p.m. huwa kien nieżel bil-karozza mal-mara tiegħu ġewwa Carini Street sejrin direzzjoni Ħal Qormi, meta hekk kif wasal xi mitt metru jew mitejn metru 'l isfel minn fejn tispiċċa t-triq, ġie mutur b'saħħa kbira u s-sewwieq beda jagħti b'idu mal-ġenb tal-karozza fuq in-naħa tiegħu anke waqt li l-karozza kienet għadha miexja. Hawnhekk huwa waqaf u s-sewwieq tal-mutur, li huwa għaraf bħala l-imputat Maximilian Gafa', beda jgħajjat li konna qtilnih "*u għax nifqagħkom u għax ma nifqagħkomx*". Huwa basar li l-imputat

għamillu ħsara mal-karozza u talbu biex ireġġa' lura l-mutur, li kien viċin tal-karozza tiegħu għaliex kien daħal bejn il-karozza tiegħu u l-karozzi pparkjati, ħalli jara jekk għandux ħsara. Kompla jgħid illi huwa waqaf fin-nofs tat-triq għaliex hemmhekk it-triq hija *one-way* u ma jgħaddux żewġ karozzi, u niżel biex jara kellux ħsara. Żied jgħid li minnufih kif niżel mill-karozza, is-sewwieq tal-mutur telaq il-mutur minn idu u qabad itih "*sabbatni darbtejn mal-art*" u mbagħad qal ukoll li "*kif tani l-ewwel tliet daqqiet sabbatni mal-art, u darbtejn sabbatni mal-art u ma flaħtx għalih, ma ma ezistejtx għalih jien*". Fisser li huwa ġarrab ħsara f'wiċċu, f'imnieħru u f'subajgħ[1] u għamel lejl l-Isptar sal-5.00 a.m. Imbagħad żied jgħid illi l-ewwel, l-imputat kien qallu żewġ kelmiet u hu wieġbu lura iżda ma kienx tah ċans, għaliex beda jsabbtu mal-art u ma felaħx għalih ("*qas jien kapaċi niġġieled*"); kifipprova jqum, l-ieħor reġa' tah minn wara u reġa' sabbtu mal-art u kompla jaqla' d-daqqiet. Fisser li dan kollu seħħ f'temp ta' sekondi: qala' x-xebgħa u mbagħad waqaf kollox.

Carmelo Bartolo kompla jixhed illi l-ewwel huwa mar il-Polyclinic tal-Mosta fejn bagħtuh l-Isptar peress li kellu ħsara f'imnieħru, fejn hemmhekk iċċertifikaw li kellu ksur fl-għadma ta' imnieħru. Qal ukoll li ġarrab *black eye* għaliex in-nuċċali daħal f'għajnejh u ma jistax jara minn dik l-għajn. Xehed ukoll illi għalkemm l-imputat ta xi daqqiet fil-ħġieġa u fuq il-ġenb tan-naħa tal-lemin tal-vettura tiegħu, ma kienx hemm ħsara fil-vettura.

Meta xehed in kontro-eżami, Carmelo Bartolo nnega li huwa kien ser itajjar lill-imputat bil-vettura tiegħu u kkonferma li huwa ma kienx ra lill-imputat ġej bil-mutur, tant illi ma jafx minn fejn ġie sakemm beda jagħti fuq il-karozza tiegħu u kien proprju għalhekk li huwa waqaf. Imbagħad qal: "*... li kieku forsi li fid-dinja kulħadd jiżbalja xi daqsxejn waqt li kieku forsi kont ser nolqtu, ma nafx ta għax ma rajtux, kont ngħidlu sorry u nibqa' sejjer.*" Ikkonferma wkoll li ma jafx jekk fit-triq dak il-ħin kienx hemm vettura quddiemu, iżda innega li huwa niżel għall-imputat mill-karozza u qaliblu l-mutur. Huwa insista li kien l-imputat li telaq il-mutur minn idu biex jaqbad

[1] Ara ritratti Dok. CB1, CB2 u CB3.

itih. **Carmelo Bartolo ċaħad ukoll illi huwa mar iġib siġġu minn ġol-karozza tiegħu u kkonferma li wara li qam minn mal-art, l-istorja għaddiet**.

Iżda mbagħad, fuq mistoqsija tal-Qorti, Carmelo Bartolo kkonferma illi huwa mar għall-imputat b'siġġu "*għax ifferoċjajt wara li qlajt ix-xebgħa u ridt niddefendi ruħi b'xi ħaġa ... ippuntajt biex intih bih*" u dan wara li qam it-tieni darba minn mal-art. Iżda ċaħad li lill-imputat tah daqqa bis-siġġu. Ikkonferma li kull ma għamel refa' s-siġġu mal-livell ta' spallejh u ppuntah lejn l-imputat li dak il-ħin, kien madwar tliet piedi 'l bogħod minnu.

Carmelo Bartolo innega wkoll illi l-mara tiegħu niżlet mill-karozza biex twaqqfu milli jaggredixxi lill-imputat bis-siġġu u ddikjara illi martu "*kienet mejta fl-art ... bil-ħass ħażin li kellha u l-biża'*". Imbagħad, meta reġa' ġie mistoqsi milll-Qorti jekk kienx ra lil martu tipprova twaqqfu milli jagħti lill-imputat bis-siġġu, Carmelo Bartolo wieġeb hekk: "*ma nafx jekk għamlitx hekk*". Innega wkoll li huwa pprova jagħti lill-imputat b'martell u kkonferma li huwa bis-siġġu biss għamel għalih "*... u ma kienx hemm kuntatt iżjed imbagħad.*"

Xehed ukoll li l-imputat baqa' fuq il-post sakemm waslu l-Pulizija u neħħa l-helmet biss ftit qabel waslu l-Pulizija. Qal illi t-tifel tiegħu, Michael Bartolo, li jaħdem f'garaxx madwar mija u ħamsin metru 'l isfel fit-triq, wasal fuq il-post meta kollox kien għadda iżda ma kienx ċempillu hu biex jiġi fuq il-post.

**Angela Bartolo**, mart il-parti offiża Carmelo Bartolo, xehdet[2] illi kif kienu għaddejjin bil-karozza hi u żewġha, ġewwa Carini Road Santa Venera, f'daqqa u l-ħin inqalgħet persuna fuq mutur li bdiet issabbat bis-salt fuq il-ħġieġ tal-karozza tagħhom u jgħajjat b'mod irrabbjat. Spjegat li peress li huma ħadu qatgħa, żewġha waqaf u "*bla ma ried niżel mill-karozza biex jara x'ġara*" fejn is-sewwieq tal-mutur "*ma tah ċans ta' xejn. beda joffendih u jsawwtu u ħabbtu tnejn mal-art.*" Dak il-ħin hi niżlet mill-karozza

[2] Xhieda tal-1 ta' Frar 2021.

biex tara x'ġara iżda meta rat lill-ieħor isawwat lir-raġel tagħha bil-ponnijiet f'għajnejh u jsabbtu mal-art u ratlu wiċċu kollu demm, kienet imwerwra u mill-ewwel tatha ħass ħażin u mbagħad, waħda mill-ġirien daħħlitha għandha u għamlitilha kafe'. Ikkonfermat illi s-sewwieq tal-mutur baqa' bil-*crash helmet* u ma kienx għadu neħħih sakemm daħlet għand il-ġara u fil-fatt, ma ratux bla helmet f'rasu. Imbagħad, meta ħarġet iktar tard, kien hemm il-Pulizija u l-ġlieda kienet waqfet.

Meta xehdet in kontro-eżami, Angela Bartolo kkonfermat li hi ma semgħetx x'kien qal is-sewwieq tal-mutur lil żewġha u ma tiftakarx x'semgħet wara li ħarġet mill-vettura u kkonfermat ukoll li ma kienetx effettivament semgħet lis-sewwieq tal-mutur joffendi lil żewġha u jkellmu ħażin. Xehdet illi żewġha waqa' mal-art meta l-persuna l-oħra imbottatu u dan ġara "*xi darbtejn*"; imbagħad, meta ħarġet mill-vettura semgħet lill-ieħor jgħajjat iżda mill-ewwel taha ħass ħażin x'ħin rat lil żewġha mal-art. Ikkonfermat ukoll li hija assumiet li s-sewwieq tal-mutur kien ta bil-ponn lil żewġha f'wiċċu u dan mhux għaliex ratu jagħmel hekk, iżda "*għax rajtu **wara** bid-demm ġo wiċċu*"[3].

Mistoqsija jekk hux minnu li żewġha ħareġ siġġu minn fuq wara tal-vettura tiegħu biex jagħti bih lis-sewwieq tal-mutur, Angela Bartolo kkonfermat li hu minnu illi żewġha ġab siġġu mill-karozza qabel taha l-ħass ħażin, iżda insistiet li żewġha m'għamel xejn bis-siġġu u żammu f'idejh. Ikkonfermat ukoll illi żewġha ġab is-siġġu mill-karozza **qabel** rat lis-sewwieq tal-mutur jimbottah għalkemm wara, stqarret li ma tiftakarx sew għaliex kien għadda ż-żmien u ma setgħetx tiftakar lanqas jekk lir-raġel tagħha ipprovatx iżżommu milli jagħti lill-ieħor bis-siġġu, anke għaliex twerwret meta rat lill-ieħor jimbotta lil żewġha.

Imbagħad reġgħet bidlet il-verżjoni u qalet li s-sewwieq tal-mutur imbotta lil żewġha darbtejn qabel mar iġib is-siġġu u sostniet li mar iġib is-siġġu biex jiddefendi ruħu bih

[3] Emfasi tal-Qorti.

għaliex rat li wiċċu kien diġa' kollu demm.  Innegat iżda, li żewġha kellu xi ħaġa oħra f'idejh apparti s-siġġu.

Angela Bartolo xehdet ukoll li hi rat lit-tifel tagħha fuq il-post meta ħarġet mingħand il-ġara u meta l-istorja kienet diġa' waqfet.  Meta ġiet mistoqsija jekk ġewx xi tfal oħra tagħha fuq il-post, wieġbet li m'għandhiex iktar tfal.

**Michael Bartolo** xehed illi huwa kien fil-garaxx tiegħu ċirka mija u ħamsin metru 'l bogħod minn fejn ġara l-inċident, meta għall-ħabta tas-7.30 p.m. huwa sema' ħafna għajjat u meta ħareġ jittawwal, ra argument 'il fuq fit-triq iżda peress li ma kellux x'jaqsam miegħu, daħal 'il ġewwa.  Iżda meta din il-kommossjoni ppersistiet, huwa reġa' ħareġ u nnota li kien hemm il-karozza ta' missieru fin-nofs fejn hemmhekk huwa avviċinah u ra li wiċċu kien kollu demm.  Xehed illi meta wasal fuq il-post "*l-argument kien qisu, ma kienx daqshekk jaħraq kien vera batta...*" u meta missieru spjegalu x'ġara, hu ċempel mill-ewwel għall-Pulizija.  Missieru dak il-ħin qallu li ġie attakkat minn raġel li tah daqqa ta' ponn mingħajr ebda raġuni, u indikalu min kien l-aggressur li dak il-ħin kien liebes *crash helmet* u ma setax jara wiċċu.  Ikkonferma li l-allegat aggressur ma indirizzah bl-ebda mod dak il-ħin u huwa ma kienx kellmu lanqas.

**L-imputat Maximilian Thomas Gafa'** xehed quddiem il-Qorti[4] fejn spjega illi għall-ħabta tas-6.30 p.m jew 7.00 p.m. kien ħiereġ bil-mutur mill-parkeġġ tal-post tax-xogħol ġewwa l-Ħamrun u wara li mexa xi tletin metru, jara karozza ġejja b'veloċita' minn triq laterali u baqgħet ħierġa u għal naqra ma daħlitx ġo fih.  Kif ra li din il-karozza ma waqfitx, beda jpaqpaq u wara xi 20 metru, din waqfet u reġgħet saqet u mbagħad reġgħet waqfet f'salt, fejn ix-xufier ħareġ mill-karozza.  L-imputat fisser li hu waqaf bil-mutur wara l-vettura għax it-triq hija dejqa ħafna u ċaħad li sabbat fuq din il-vettura.

[4] Xhieda tat-12 ta' Settembru 2022.

Meta ra li x-xufier kien raġel anzjan, l-imputat ħaseb li kien ħareġ biex jiskuża ruħu u għalhekk qallu "*ma rajntix? għal naqra ma tajjartnix*", fejn ix-xufier wieġbu li ma kienx rah u bdew jargomentaw bil-kliem u hu kien għadu fejn kien fuq il-mutur, fl-istess post li kien waqaf ċioe' wara l-vettura u kien għadu liebes il-helmet. Hu ma riedx jargumenta għaliex l-għada kien ser jsiefer bit-tfal fuq *skiing holiday* u ried imur id-dar jippakkja iżda kien dam fuq ix-xogħol iktar mis-soltu u żgur ma riedx ġlied jew argumenti. Fil-fatt kien qed jistenna lix-xufier l-ieħor jitlaq.

Kif kienu qed jargumentaw, ix-xufier l-ieħor mar jiftaħ il-bagoll ta' wara tal-karozza u ra li kien irrabbjat ħafna. Dak il-ħin ħareġ siġġu tal-injam mill-bagoll u ġie għalih biex isawtu b' dan is-siġġu. L-imputat xehed illi bejn il-qatgħa u biex jiddefendi ruħu mid-daqqa tas-siġġu, hu waqa' minn fuq il-mutur. Sadanittant, il-mara tax-xufier l-ieħor ħarġet mill-vettura u lil żewġha bdiet tiġbdu mill-flokk u tgħdilu "*ieqaf, ħallih, ejja ħa mmorru ġa nibqgħu sejrin*" izda xorta ġie għalih bis-siġġu. L-imputat xehed li ma riedx jiġġieled miegħu għax kien anzjan u għalhekk beda jimbottah lura u jinġibed lura u jimbottah biss. Sadanittant ħarġu l-ġirien minn kullimkien u bdew jipprovaw iwaqqfu lix-xufier l-ieħor milli jtih bis-siġġu. Iżda l-ieħor xorta reġa' ġie għalih bis-siġġu f'idejh u beda jtih id-daqqiet, fejn laqtu f'idejh għaliex kien qed jipprova jilqa' b'idejh għad-daqqiet. Qal ukoll li wara xi żewġ daqqiet is-siġġu tfarrak. Spjega wkoll li fil-frattemp il-mara tax-xufier l-ieħor marret iċċempel lit-tfal tagħhom u ġew tnejn minnhom u hu spjegalhom li kien qed jipprova jżomm lil missierhom illi jtih u beda jinġibed lura biex ma jkomplix itih bis-siġġu.

L-imputat xehed illi huwa stess ċempel lill-Pulizija biex jiġu fuq il-post u dan għaliex ġew erba' fuqu, il-mara u t-tfal ukoll, filwaqt li l-ġirien bdew jipprovaw iżommu kemm lil Carmelo Bartolo u kif ukoll lit-tfal tiegħu. L-imputat qal ukoll li ma setax jitlaq għaliex kien hemm karozzi warajh u l-karozza tal-anzjan quddiemu u ntefa' fuq għatba jistenna l-Pulizija jiġu. It-tfal tiegħu kienu għadhom hemmhekk meta waslu l-Pulizija.

L-imputat ikkonferma speċifikatament illi huwa ma kienx sawwat lil Carmelo Bartolo fl-ebda waqt, la qabel ġie għalih bis-siġġu u lanqas wara, u kull ma għamel beda jimbottah biex ma jtihx bis-siġġu. Madankollu, huwa stqarr li beda jimbotta lil Carmelo Bartolo bl-addoċċ u għalhekk kien laqtu "*xi naqra*" bis-siġġu, iżda dan għaliex beda jimbottah fejn laħqet idu biex jilqa' għad-daqqiet tas-siġġu tiegħu stess. Ikkonferma wkoll li Carmelo Bartolo kien waqqgħu minn fuq il-mutur meta ġie għalih bis-siġġu.

L-imputat xehed illi kien ikkalma kollox minħabba l-ġirien li bdew iżommu lil Carmelo Bartolo u lil uliedu. Qal ukoll li dak il-ħin huwa ma rax ġrieħi fuq il-persuna ta' Carmelo Bartolo u filwaqt li ma ftakarx li Carmelo Bartolo kellu l-ġrieħi f'wiċċu li jidhru fir-ritratti esebiti fl-atti (Dok. CB1, CB2 u CB3), l-imputat ikkonferma li kien ra lill-istess Carmelo Bartolo isuq il-vettura tiegħu stess minn fuq il-post.

**Fl-istqarrija** rilaxxata minnu waqt l-interrogazzjoni tiegħu fil-15 ta' Settembru 2020[5], l-imputat kien diġa' ta sostanzjalment l-istess verżjoni li dwarha xehed quddiem il-Qorti. Hemmhekk kien fisser speċifikatament ukoll li meta l-mara tax-xufier l-ieħor bdiet tgħidlu biex jerġa' jitla' fil-karozza, u hu wkoll qallu "*ejja suq ħa mmorru*", Carmelo Bartolo beda riesaq lejn il-karozza tiegħu, fejn huwa ħaseb li kien ser jitlaq iżda minflok, fetaħ il-bagoll u ħareġ siġġu tal-injam. Fisser ukoll li "*minn x'imkien tfaċċaw it-tfal tiegħu u jien m'għandix ideja minn fejn ġew dawn it-tfal, xi żewġt itfal tiegħu u ġew biex isawtuni u qabdu dan is-siġġu biex isawwtuni bih. Imbagħad ġew xi nies li kienu għaddejjin sabiex iżommuhom...*" Stqarr ukoll illi "*x-xufier beda jiġġieled anke man-nies li bdew izommuh biex ikompli jiġġieled*".

L-istess verzjoni l-imputat kien taha wkoll dakinhar stess tal-inċident, fid-29 ta' Jannar 2020, lil PS 827 Edward Grech li kien mar fuq il-post u niżżel l-imputat miegħu l-Għassa tal-Pulizija. Hemmhekk, kif jirriżulta mill-okkorrenza esebita fl-atti kif ukoll mix-xhieda ta' PS 827 Edward Grech, l-imputat kien stqarr li huwa kien

[5] Dok. RA3, fol. 122 *et seq*.

daqq il-horn meta l-vettura l-oħra ħarġitlu minn fuq *stop sign* u kważi laqtitu, iżda din il-vettura bdiet miexja bil-mod, iżżomm il-brake u mbagħad waqfet f'salt fejn ħareġ għalih ix-xufier, ħareġ siġġu minn wara u beda jtih bih. Qal ukoll li x-xufier l-ieħor beda jagħti fuq il-mutur bis-siġġu u kissrlu l-mera u mbagħad ġew iż-żewġt itfal tiegħu u komplew ituh bis-siġġu u ġew xi ġirien iżommuhom.

Ikkunsidrat;

Minnufih jirriżulta illi f'dan il-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-partijiet jagħtu verżjonijiet manifestament kunfliġġenti dwar id-dinamika tal-inċident kif ukoll dwar il-movimenti u azzjonijiet rispettivi tagħhom matul il-kollutazzjoni li hemm qbil li seħħet bejn l-imputat u l-parti offiża f'dawn il-proċeduri, Carmelo Bartolo.

Għandu jingħad li spiss jiġu riskontrati każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[6], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[7] gie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li

---

[6] Deciza 9.7.2003.
[7] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita' tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi wara li fliet bir-reqqa x-xhieda, ma tistax tagħti affidabbilita' lill-verżjoni ta' Carmelo Bartolo u ta' martu Angela Bartolo. Ibda biex dawn iż-żewġ xiehda, meta xehdu quddiem il-Qorti naqsu milli jagħmlu referenza minn jeddhom għall-fatt li Carmelo Bartolo nnifsu kien ġab siġġu mill-vettura tiegħu u użah waqt il-konfront li seħħ bejnu u bejn l-imputat. Dawn il-fatti ħarġu biss meta l-imsemmija xiehda ġew konfrontati bihom fil-kontro-ezami fejn mistoqsija jispjegaw għaliex naqsu milli jsemmu fix-xhieda tagħhom dan il-fatt daqshekk relevanti u sinjifikanti, il-parti offiża u martu xehdu li huma ma qalu xejn fir-rigward għaliex ħadd ma kien saqsihom dwar is-siġġu. **Għall-Qorti din ir-risposta kienet waħda evidentement studjata bħalma kienet ukoll imqejsa l-verżjoni identika tagħhom kif lil Carmelo Bartolo, l-imputat "*sabbtu tnejn mal-art*"**[8].

[8] Kliem li ntuża mill-istess Carmelo Bartolo fil-verżjoni mogħtija lil PS 827 Edward Grech l-għada tal-inċident – ara okkorrenza Dok. EG1, fol. 133 *et seq*.

Tosserva wkoll illi Carmelo Bartolo, meta ġie mistoqsi in kontro-eżami, inizzjalment ċaħad li kien ġab dan is-siġġu u użah fil-konfront li kellu mal-imputat u kien biss wara li kien ġie mistoqsi mill-Qorti li hu finalment stqarr il-verita'. Dan in-nuqqas fil-fehma tal-Qorti huwa wieħed gravi u fehmet illi sar deliberatament għaliex kieku verament kif xehed il-parti offiża u martu Angela Bartolo, dan is-siġġu użah biex jiddefendi lilu nnifsu mill-allegat aggressjoni tal-imputat, ma kien ikun hemm ebda raġuni biex jostru dan il-fatt: għall-kuntarju dan kien ikun ferm relevanti biex jikkonforta l-verżjoni tagħhom dwar l-aggressjoni inġusta u vjolenti manifestata mill-imputat fil-konfront tal-parti offiża u n-neċessita' tal-awto difiża.

Il-Qorti ma tħossx li tista' tagħti fejda lill-verżjoni ta' Carmelo Bartolo u ta' martu fix-xhieda tagħhom. Din il-konklużjoni waslet għaliha anke wara li qieset illi l-verżjoni ta' Carmelo Bartolo ġiet kontradetta mix-xhieda konfużjonarja ta' martu stess li meta xehdet in kontro-eżami, bidlet il-verżjoni oriġinali tagħha f'diversi aspetti tax-xhieda tagħha, fosthom fejn stqarret li żewġha ġab is-siġġu mill-vettura qabel beda jiġi imbottat mill-imputat; fejn stqarret li hija rat lill-imputat jagħti bil-ponn f'wiċċ żewġha; kif ukoll fejn qalet li semgħet lill-imputat jgħajjar u joffendi lil żewġha. Sinjifikanti wkoll il-fatt illi Angela Bartolo ma setgħetx tiftakar jekk ipprovatx żżomm lil żewġha milli jagħti lill-imputat bis-siġġu, bl-istess mod li żewġha nnifsu ma setax jeskludi li hi pprovat iżżommu milli jkompli jagħtih.

Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-verżjoni li rrilaxxa l-għada tal-inċident, fit-30 ta' Jannar 2020 lil PS 827, wara li ġie debitament imwissi dwar id-drittijiet legali tiegħu u wara li kien ikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, Carmel Bartolo naqas milli jsemmi l-fatt li uża s-siġġu matul dan l-inċident. Madankollu jirriżulta li f'din il-verżjoni tiegħu, Carmelo Bartolo irrikonoxxa l-fatt illi meta ibnu Michael Bartolo wasal fuq il-post tal-inċident, kien ħa ħsieb jikkalma s-sitwazzjoni. Dan qed jingħad għaliex meta xehed quddiem il-Qorti, Carmelo Bartolo ikkontradixxa din il-verżjoni billi emfasizza l-fatt illi ibnu wasal meta kollox kien għadda, filwaqt li Michael Bartolo nnifsu xehed illi meta wasal fuq il-post "*l-argument kien qisu, ma kienx daqshekk jaħraq kien vera batta...*"

F'kull każ u minkejja l-osservazzjonijiet appena magħmula, il-Qorti ma tistax tqis bħala attendibbli l-verzjoni ta' Carmelo Bartolo illi l-ewwel l-imputat aggredih u tah dawk id-daqqiet kollha li ddeskriva, inkluz li sabbtu mal-art darbtejn, u illi kien biss in segwitu għal dan l-attakk li l-istess Carmelo Bartolo mar iġib siġġu mill-vettura tiegħu biex jiddefendi ruħu bih. Il-parti offiża nnifsu xehed illi hu anzjan ta' tmienja u sittin sena u stqarr ukoll espressament li huwa ma felaħx iżjed wara li l-imputat sabbtu mal-art bid-daqqiet li tah ("*qas jien kapaċi niġġieled*", "*darbtejn sabbatni mal-art u ma flaħtx għalih"*). Emfasizza wkoll fix-xhieda tiegħu – iżda dan **qabel** ammetta għall-użu ta' siġġu f'din il-ġlieda – li kif qam minn mal-art, l-argoment spiċċa ħesrem. **Il-Qorti għalhekk fehmet illi biex mar ġab is-siġġu mill-vettura tiegħu Carmelo Bartolo ma kienx għadu qala' l-ebda daqqa mingħand l-imputat u mar iġib dan is-siġġu tabilħaqq għaliex, kif del resto stqarr huwa stess meta ġie mistoqsi minnha stess, għaliex "*ifferoċja*" u mhux biex jiddefendi ruħu**. **Fehmet ukoll illi Carmelo Bartolo ifferoċja mhux għaliex l-imputat sabbtu mal-art u sawtu – għaliex kif xehed huwa stess, ma felaħx għall-imputat u kif qam, waqaf kollox – iżda għaliex, kif sewwa xehed l-imputat, l-imputat beda jpaqpaqlu u għajjat miegħu biex joqgħod attent kif isuq.**

Il-Qorti tqis ukoll illi hija ferm iktar verosimili l-verżjoni tal-imputat li huwa waqaf bil-mutur wara l-vettura ta' Carmelo Bartolo, milli l-verżjoni tal-parti offiża li l-imputat daħal bil-mutur bejn il-vettura tiegħu u l-karozzi pparkjati. Dan wara li kkunsidrat illi jekk skont Carmelo Bartolo t-triq tant hi dejqa li ma jgħaddux żewġ vetturi biswit xulxin, hija inkonċepibbli l-ipotesi li l-imputat hawnhekk telaq il-mutur minn idu bl-addoċċ biex jaqbad isawtu, kif ipprova jfiehem il-parti offiża fix-xhieda tiegħu.

**Il-Qorti semgħet lill-imputat jixhed u rat il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda fejn, diversament minn Carmelo Bartolo, kien mhux biss konsistenti iżda wkoll ġenwinament konvinċenti u l-Qorti ftit għandha riżervi dwar il-kredibbilita' ta' din il-verżjoni tiegħu: verżjoni li bl-ebda mod ma kkuntrastat**

**mal-verżjonijiet preċedenti rilaxxati minnu. Fil-fatt, l-imputat baqa' konsistenti matul it-tliet verżjonijiet li huwa rrilaxxa b'rabta ma' dan l-inċident.**

**Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-imputat illi wara li daqq il-horn, huwa baqa' fuq il-mutur tiegħu wara l-vettura ta' Carmelo Bartolo u mhux minnu li mar isabbat fuq il-ħġieġa tal-vettura. Temmen ukoll li Carmelo Bartolo ħareġ mill-vettura u wara li ġew skambjati xi kliem bejn il-partijiet, mar ġab is-siġġu mill-bagoll tal-vettura tiegħu, għollih u beda jagħti bih lill-imputat bil-konsegwenza li dan tal-aħħar waqa' minn fuq il-mutur u kif qam, beda jilqa' għad-daqqiet tas-siġġu b'idejh u jimbotta lil Carmelo Bartolo anke bis-siġġu stess, biex ma jibqax jagħti bih. Tqis ukoll li hija verosimili l-verżjoni tal-imputat li huwa ma riedx jiġġieled max-xufier l-ieħor għaliex huwa persuna anzjana u li ma kienx sawtu, sabbtu mal-art jew tah bil-ponn f'wiċċu u hija verosimili wkoll il-verżjoni tiegħu illi Angela Bartolo marret tipprova twaqqaf lil żewġha milli jkompli jagħti lill-imputat bis-siġġu**.

Mill-ġabra tax-xhieda, tqis illi l-verżjoni tal-imputat li t-tfal jew wieħed mit-tfal ta' Carmelo Bartolo ġew fuq il-post, intervjenew fit-taqtigħa u kkonfrontawh, ukoll hija ta' min joqgħod fuqha. Hawnhekk il-Qorti tissenjala illi l-imputat, sija meta xehed u kif ukoll fil-verżjoni li rrilaxxa dakinhar stess tal-inċident, saħaq b'mod konsistenti illi ġew it-tfal tal-imputat fuq il-post u għamlu għalih tant illi l-ġirien u nies oħrajn li nġemgħu fuq il-post kellhom iżommuhom ilkoll. **Huwa wkoll ta' tħassib il-fatt illi Angela Bartolo, meta ġiet mistoqsija jekk ġewx xi tfal oħra tagħha fuq il-post dak il-ħin, wieġbet li m'għandhiex iktar tfal, meta huwa inkontestat u jirriżulta effettivament binha l-ieħor huwa Shaun Bartolo**[9]. Dan kollu magħdud, fil-fehma tal-Qorti ma jistax ma jkomplix ixejjen il-veraċita' u attendibbilita' tal-parti offiża u tal-qraba tiegħu li xehdu quddiem il-Qorti f'dawn il-proċeduri u biex tkompli tafferma l-kredibbilita' tal-verżjoni tal-imputat.

---

[9] Ara xhieda ta' Shaun Bartolo, 10 ta' Ġunju 2021, u konnotati fl-okkorrenza Dok. EG1, fol. 135.

Ikkunsidrat;

Illi għaldaqstant, il-Qorti tqis li għandha twarrab il-verżjoni ta' Carmelo Bartolo u ta' Angela Bartolo u għandha tagħti fejda minflok lill-verżjoni tal-imputat, liema verżjoni hija tqis li huwa abbundantement ippruvat sal-grad tal-probabbli.

Madanakollu, mix-xhieda ta' Dr. Daniela Bonello, li kienet eżaminat lil Carmelo Bartolo fil-Mosta Health Centre fid-29 ta' Jannar 2020 fit-20:12hrs, jirriżulta li huwa kellu tbenġila taħt l-għajn ix-xellugija kif ukoll qasma u kellu wkoll xi demm taħt id-difer tas-suba' tan-nofs tax-xellug[10]. Imbagħad, mill-eżamijiet mediċi li saru fl-Isptar l-għada 30 ta' Jannar 2020, jirriżulta li kien ġarrab ukoll ksur fl-għadma ta' mnieħru[11].

Minn dan hu stabbilit bħala fatt illi Carmelo Bartolo sofra offiżi f'wiċċu bħala riżultat tal-kollutazzjoni li kellu mal-imputat fid-29 ta' Jannar 2020. Il-fatt li l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq il-verżjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma jfissirx illi huwa eskluż li l-feriti li ġew kostatati fuq il-persuna ta' Carmelo Bartolo, ma kienux ikkaġunati waqt il-kollutazzjoni mal-imputat u mill-ġabra tal-provi proċesswali, tinsilet inferenza ta' fatt illi effettivament il-parti offiża ġarrab dawn il-ġrieħi waqt il-kollutazzjoni li seħħet mal-imputat.

Stabbilit dan, il-Qorti tqis li jkun opportun li hawnhekk tiġi mistħarrġa l-eċċezzjoni tal-leġittima difesa mqajma mid-difensur tal-imputat waqt it-trattazzjoni, għad illi b'mod sussidjarju, għaliex jekk jirriżulta li effettivament l-imputat aġixxa għad-difiża tiegħu u jiġi ppruvat li l-feriti subiti mill-parti offiża ġew hekk inflitti fil-leġittima difiża tal-imputat innifsu, ma jkun ġie kommess l-ebda reat kriminali kwalsiasi u l-imputat jinħeles minn kull ħtija kriminali għall-offiżi li bl-azzjonijiet tiegħu seta' ġarrab il-parti offiża, Carmelo Bartolo.

---

[10] Dok. CB4.

[11] Ara xhieda Dr. Pierre Farrugia, 23 ta' Settembru 2021 u Dok. CB6.

Illi kif inhuwa risaput, ir-*ratio legis* wara l-istitut tal-leġittima difiża huwa d-dritt għall-awto-tutela ta' persuna jew ta' persuna oħra b'tali mod illi anke qtil isir ġustifikat jekk l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tad-difiża jiġu stabbiliti. Din id-difiża, li jeħtieg li tirriżulta ghall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi, hija maħsuba fl-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali :-

*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment meħtieġa sabiex tiġi applikata l-iskriminanti għad-delitt tal-omiċidju jew tal-offiża fuq il-persuna, huma illi l-minaċċja jew **l-aggressjoni affaċċjata trid tkun wahda gravi, inġusta u inevitabbli, u ukoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni**. Fi kliem sempliċi, din id-difiża tiġi ravviżata meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċ ma' aggressjoni li hija inġusta u ma tkunx tista' raġjonevolment tirrikorri għal mezzi ohra biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu u għalhekk tispiċċa kostretta tuża mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli.

**Jeħtieġ li dawn l-elementi jirriżultaw għall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi.**

Dawn l-elementi ġew spjegati b'mod mill-iktar elokwenti fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[12]. Dawn huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja jew l-aggressjoni kif hekk ikkwalifikata:-

[12] Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018. Ara wkoll: **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995.

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk* [javveraw] *ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.* "

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Allan Galea**[13], id-deċiżjoni li biddlet il-ħsieb tradizzjonali dwar din l-iskriminanti hija **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**, li amplifikat fuq id-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta vs Frangisku Fenech** u fejn kien superjorment deċiż illi:

*"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-princpji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."*

[13] Deċiża 14 ta' Ġunju 2018.

*Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi:* ***l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`.*** *"*[14]

*"**Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli.*** (emfasi ta' din il-Qorti)

Illi applikat dan l-insenjament għall-fatti ta' dan il-każ kif stabbiliti wara l-evalwazzjoni tal-provi appena magħmula, hi l-fehma tal-Qorti illi l-imputat irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha għas-suċċess ta' din l-iskriminanti. Fil-fatt, skartata x-xhieda ta' Carmelo Bartolo illi l-imputat tah daqqiet bil-ponn f'wiċċu u waqqgħu mal-art, u stabbilit illi kien l-istess Carmelo Bartolo li aggredixxa lill-imputat billi refa' siġġu tal-injam u bih waqqa' lill-imputat minn fuq il-mutur u beda jagħtih bih, m'hemmx wisq dubju illi din l-aggressjoni kienet waħda mhux biss inġusta iżda wkoll gravi. Jirriżulta wkoll illi kif l-imputat qam minn mal-art, il-parti offiża kompla jagħtih bis-siġġu u kien hawn li l-imputat xehed li huwa imbottah lura biex ma

[14] Deciza 16/10/2003.

jkomplix jagħtih, f'liema waqt jirriżulta li martu wkoll bdiet tipprova żżommu milli jkompli jagħti lill-imputat bis-siġġu.

Fir-rigward ġie ritenut li:-

"*Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.*"[15]

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżultalha sodisfaċjentement illi l-azzjonijiet ossia aggressjoni tal-parti offiża setgħu raġjonevolment iqajmu biża' fl-imputat għas-sigurta' personali tiegħu. **Il-perikolu li affaċċja l-imputat minħabba l-aggressjoni kontinwata tal-parti leża, fejn bis-siġġu waqqgħu minn fuq il-mutur u kompla jagħtih bih, kien wieħed gravi, assolut kif ukoll inevitabbli u għalhekk, l-azzjonijiet tal-istess imputat f'dak il-waqt - fejn beda jimbottah lura bl-addoċċ – kienu raġjonevolment maħsuba biex jilqgħu għal din l-aggressjoni. Huwa minnu illi l-imputat stqarr illi jista' jkun li laqat lil Carmelo Bartolo bis-siġġu tiegħu innifsu peress illi huwa beda jilqa' b'idejh fejn ilaħħaq u kien hemm is-siġġu bejniethom, iżda l-Qorti m'għandhiex riżervi biex tqis din ir-rejazzjoni, fiċ-ċirkostanzi, bħala waħda proporzjonali għall-aggressjoni tal-parti offiża**.

Huwa wkoll minnu li l-imputat seta' jekk ried, jaħrab minn fuq il-post iżda meta kellu l-mutur tiegħu li waqa' fl-art u kien qed jiġi aggredit b'siġġu, il-Qorti ma tirravviża xejn eċċessiv jew irraġjonevoli fid-deċiżjoni tal-imputat li jipprova jilqa' għad-daqqiet u jimbotta lill-parti offiża milli jkompli jagħih, minflok jitlaq minn fuq il-post.

[15] **Il-Pulizija v. Jonathan Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2020.

Wieħed ma jridx jinsa lanqas illi l-imputat xehed illi huwa ma riedx jiġġieled max-xufier l-ieħor għaliex kien raġel anzjan u kien għalhekk li beda jimbottah lura u jilqa' għad-daqqiet b'idu.

Il-Qorti hija tal-fehma f'dan il-kwadru tal-fatti fejn l-imputat kien rinfaċċjat b'dik l-aggressjoni tal-parti offiża meta huwa ma kien għamel xejn għajr li rrabja minħabba s-sewqan perikoluż tiegħu, l-imputat aġixxa in leġittima difesa tiegħu nnifsu u konsegwentement sejra tilqa' d-difiża sollevata fir-rigward. Billi dan ifisser li l-imputat ma kkommetta l-ebda reat, mhemmx bżonn ta' indaġni ulterjuri dwar in-natura tal-offiżi kkaġunati lil Carmelo Bartolo f'din it-taqtigħa u lanqas dwar l-aggravanti msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll li matul dan l-istess inċident, huwa inġurja jew hedded lil Carmelo Bartolo u b'hekk ikkommetta r-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Huwa minnu li Carmelo Bartolo xehed illi l-imputat qallu li ser "*jifqgħu*" iżda l-Qorti diġa' fissret eżawrjentement illi l-verżjoni tal-istess parti offiża hija fil-ġeneralita' tagħha, mhijiex attendibbli jew affidabbli u m'hijex sejra tistrieħ fuqha. Barra minn hekk, Angela Bartolo ma setgħetx tikkonferma li semgħet lill-imputat jgħajjar jew joffendi lil żewġha u f'kull każ, l-imputat ċaħad illi huwa hedded jew inġurja lill-parti offiża. Konsegwentement, billi mhijiex sodisfaċjentement ippruvata, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għal dan ir-reat.

L-istess jgħodd għat-tielet imputazzjoni fejn l-imputat ġie mixli bir-reat kontravvenzjonali maħsub fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9. Diġa' ġie stabbilit li l-imputat ma kkommetta l-ebda reat u għalhekk, kwalsiasi ksur tal-bon ordni u l-kwiet pubbliku minħabba l-kollutazzjoni li seħħet bejn l-imputat u l-parti offiża ġewwa Triq Carini, Santa Venera, m'huwiex attribwibbli lilu. Barra dan, il-Qorti ma rrikonstrat

xejn fil-provi li juri illi l-imputat kien qed jgħajjat jew iqajjem kommossjoni fit-triq - ħlief għall-fatt illi huwa kien qed jiġi aggredit mill-parti leża bis-siġġu tal-injam. Kemm hu hekk, l-imputat xehed illi sija l-ġirien u kif ukoll mart l-imputat, kellhom iżommuh milli jkompli jagħtih. Huwa minnu illi dawn il-ġirien ma xehdux iżda l-Qorti tirrimarka illi hija kienet ordnat għall-fini tal-Artikolu 397(1) tal-Kap. 9 illi dawn il-ġirien jiġu rintraċċjati. Madankollu, minkejja l-fatt illi Angela Bartolo xehdet li hija kienet daħlet għand wieħed mill-ġirien meta taha ħass ħażin u minkejja l-fatt illi Michael Bartolo jaħdem f'garaxx li jinsab biss mija u ħamsin metru 'l isfel fit-triq tant illi huwa xehed li sema' l-kommossjoni u għajjat minn ġo dan il-garaxx, dawn ix-xiehda baqgħu ma ġewx identifikati[16].

Finalment, billi l-imputat mhux qed jinstab ħati li kkommetta l-ebda reat kriminali, il-Qorti ma tistax issibu ħati illi kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation.

**Għal dawn il-motivi kollha, il-Qorti ma ssibx lil MAXIMILIAN THOMAS GAFA' ħati ta' ebda wieħed mir-reati li ġie mixli bihom u għaldaqstant tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[16] Ara ordni fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021 u xhieda tal-Ispettur Roderick Attard tal-4 ta' Mejju 2021.